IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.4.2013
COM(2013) 242 final

2013/0128 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tipprevedi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan

{SWD(2013) 151 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1 KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Mill-bidu tal-2011, l-ekonomija tal-Ġordan kienet affettwata b'mod sinifikanti minn avvenimenti domestiċi relatati mar-Rebbiegħa Għarbija kif ukoll mill-inkwiet reġjonali li ma jaqtax, b'mod partikolari fl-Eġittu u s-Sirja, il-pajjiżi ġirien. Flimkien mal-ambjent globali aktar dgħajjef, it-tranżizzjoni politika tal-Ġordan laqtet b'mod ħażin id-dħul minn barra u dgħajfet il-finanzi pubbliċi. Turiżmu aktar baxx kif ukoll anqas dħul ta' investiment barrani dirett (IBD), prezzijiet internazzjonali tal-enerġija ogħla u t-tfixkil ripetut għall-fluss tal-gass naturali mill-Eġittu, li ġiegħlu lill-Ġordan biex jissostitwixxi l-importazzjoni tal-gass mill-Eġittu għal fjuwils ogħla sabiex jiġġenera l-elettriku, xekklu t-tkabbir u rriżultaw f'deterjorament qawwi fil-bilanċ tal-pagamenti u tal-pożizzjoni fiskali. Il-Ġordan kien ukoll affettwat mill-intensifikazzjoni tal-kriżi tas-Sirja, b'mod partikolari permezz tal-fluss ta' refuġjati u l-implikazzjonijiet fiskali ta' dan. Filwaqt li l-Ġordan s'issa rnexxielu jżomm l-istabbiltà makroekonomika, anki permezz ta' sforzi ta' konsolidazzjoni fiskali sostanzjali u ta' għajnuna finanzjarja minn donaturi barranin, hemm bżonn sinifikanti ta' finanzjament kif ukoll ta' bilanċ fil-pagamenti.

Taħt il-pressjoni ta' tnaqqis qawwi ta' riżervi internazzjonali fl-ewwel nofs tal-2012, l-awtoritajiet tal-Ġordan ftiehmu fuq Ftehim ta' Kreditu ta' Riżerva (SBA) mal-FMI ta' USD 2 biljun (800 % tal-kwota) għal 36 xahar, li ġie approvat f'Awwissu 2012.

Billi l-perspettiva u s-sitwazzjoni ekonomika qed jeħżienu, il-Gvern tal-Ġordan talab Assistenza Makrofinanzjarja (MFA) mill-UE li tammonta għal EUR 200 miljun f'Diċembru 2012. Il-Kummissjoni bi ħsiebha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għall-MFA għall-benefiċċju tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan li jammonta għal massimu ta' EUR 180 miljun fil-forma ta' self fuq terminu ta' żmien medju. Il-bażi legali proposta huwa l-Artikolu 212 tat-TFUE.

L-MFA se tikkontribwixxi biex jiġu koperti l-ħtiġijiet tal-Ġordan għal finanzjament estern residwu fl-2013 u l-2014, fil-kuntest tal-programm tal-FMI. L-MFA għandha tgħin lill-Ġordan tindirizza l-konsegwenzi ekonomiċi li għad hemm minnħabba r-Rebbiegħa Għarbija u x-xokkijiet esterni fis-settur tal-enerġija. Hija se tnaqqas il-bilanċ ta' pagamenti u vulnerabbiltajiet fiskali tal-ekonomija fuq terminu qasir, filwaqt li tappoġġja l-programmi ta' aġġustament u ta' riforma miftiehma mal-FMI u l-Bank Dinji, kif ukoll ir-riformi miftiehma taħt l-operazzjonijiet tal-UE ta' appoġġ baġitarju (inkluża l-operazzjoni ta' Kuntratt ta' Governanza Tajba u Żvilupp ta' EUR 40 miljun ffinanzjata *mis-Sostenn għas-Sħubija, ir-Riforma u t-Tkabbir Inklużiv,* il-programm(SPRING).

L-għajnuna proposta se tippromwovi miżuri ta' politika biex titjieb l-amministrazzjoni tal-finanzi pubbliċi u r-riforma tat-taxxa filwaqt li tissaħħaħ is-sistema ta' protezzjoni soċjali (billi titqiegħed ukoll aħjar fil-mira is-sistema tat-trasferimenti ta' flus kontanti li daħlet fis-seħħ f'Novembru li għadda biex tikkumpensa lill-familji għar-riforma fis-sistenma tas-sussidju għall-enerġija); miżuri biex jitjieb il-qafas regolatorju u l-klima għall-investiment; u riformi biex jitnaqqsu l-qgħad u tiġi xprunata l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod speċjali fost in-nisa.

Il-FMI propost huwa konsistenti mal-impenn politiku u finanzjarju li ħadet l-UE mal-Awtoritajiet tal-Ġordan f'laqgħa tat-Task Force bejn l-UE u l-Ġordan fi Frar 2012. Dan huwa

wkoll konformi mal-għanijiet tas-sħubija l-ġdida għar-reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterran proposti waqt is-samit tal-G8 ta' Deauville kif ukoll mal-orjentazzjonijiet tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Bl-istess mod, dan għandu juri lill-pajjiżi l-oħra fir-reġjun li l-UE hija lesta tappoġġa pajjiżi bħall-Ġordan, li jkunu qed jaqbdu it-triq lejn riformi politiċi waqt id-diffikultajiet ekonomiċi.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tqis li l-prerekwiżiti politiċi u ekonomiċi għal operazzjoni tal-MFA bl-ammont propost u ta' din in-natura jintlaħqu.

- **Il-kuntest ġenerali**

Il-Ġordan iffaċċja kundizzjonijiet ekonomiċi li qed imorru għall-agħar sa mill-2011 minħabba l-inkwiet reġjonali u politiku assoċjat mar-Rebbiegħa Għarbija u minħabba l-ambjent reġjonali u ekonomiku globali aktar dgħajfa. Dawn iċ-ċirkostanzi affettwati negattivament tnejn mill-akbar l-atturi esterni għat-tkabbir ekonomiku, jiġifieri t-turiżmu lejn il-pajjiż u l-investiment barrani dirett (IBD). Barra minn hekk, l-interruzzjoni ta' spiss tal-provvisti tal-gass mill-Eġittu ġiegħlet lill-Gvern biex jissostitwixxi l-gass ma' l-importazzjonijiet taż-żejt aktar għaljin, li għollew il-kont tal-importazzjoni b'mod sinifikanti[1]. Dawn ix-xokkijiet negattivi esterni kkontribwew biex jinħolqu żbilanċi fiskali esterni kbar.

F'dan il-kuntest, u wara perjodu ta' tkabbir ekonomiku b'saħħtu b'medja ta' 6.5 % bejn l-2000 u l-2009, li parzjalment jirrifletti ambjent estern favorevoli, it-tkabbir tal-PDG naqas f'daqqa għal 2.6 % fl-2011. It-tkabbir tal-PDG żdied moderatament għal 2.9 % fl-ewwel nofs tal-2012, wara rkupru fit-turiżmu lejn il-pajjiż, u minkejja l-prestazzjoni dgħajfa fis-setturi tal-minjieri u tal-bini. Fl-2013, it-tkabbir fil-PGD huwa previst li jimxi id f'id ma' żieda fl-IBD fis-setturi tal-enerġija kif ukoll bankarji, madankollu jibqa' kollox ma' kollox baxx (madwar 3 %).

L-inflazzjoni tal-prezzijiet għall-konsumatur żdiedu moderatament matul l-2012, u laħqu medja ta' 4.8 %, meta mqabbel ma' 4.5 % fl-2011, hekk kif l-impatt tat-tariffi tal-fjuwil domestiku u tal-elettriku żdiedu fit-tariffi kienu parzjalment ikkumpensat minn domanda domestika aktar dgħajfa. L-inflazzjoni mistennija tkompli tiżdied għal 6.1 % bħala medja fl-2013, parzjalment bħala riżultat tal-aġġustamenti previsti fil-prezz tal-enerġija. Minn nofs l-2011'il hawn, il-politika monetarja saret iktar stretta sabiex tiġi ppreservata l-attrazzjoni ta' assi ddenominati JOD. Politika ta' rata ta' kambju fissa attwali (marbuta mad-dollaru Amerikan) għenet biex tistabbilizza l-antiċipazzjonijiet inflazzjonarji.

Il-pożizzjoni esterna marret għall-agħar b'mod sinifikanti mill-bidu tal-2011 minħabba x-xokkijiet msemmija hawn fuq. Id-defiċit tal-kont kurrenti (inklużi l-għotjiet) laħaq it-12 % tal-PDG fl-2011 (19 % tal-PDG eskluži l-għotjiet), żdied minn 7.1 % tal-PDG fl-2010 (11.3 % tal-PDG eskluži l-għotjiet), parzjalment minħabba żieda ta' 16.6 % fil-kont tal-importazzjoni. Sa tmiem l-2012, kien kiber ulterjorment għal 17 % tal-PDG (20,6 % tal-PDG eskluži l-għotjiet), minkejja li t-turiżmu lejn il-pajjiż żdied bi 15. 3% (ġeneralment attribwit għall-flussi turistiċi mill-pajjiżi Għarab) u kien hemm żieda ta' 3.5 % fir-rimessi. Huwa previst madanakollu, li l-iżbilanċ tal-kont kurrenti, eskluži l-għotjiet, se jonqos għal 12.1 % fl-2013 minħabba l-esportazzjoni aktar b'saħħitha u n-normalizzazzjoni gradwali tal-provvisti tal-gass

[1] Għalkemm f'nofs Jannar il-provvista tal-gass tal-Ġordan mill-Eġittu temporanjament giet lura għal-livelli normali wara kważi sentejn ta' provvista mnaqqsa (240 miljun pied kubu kuljum meta mqabbla ma' medja ta' 40 miljun pied kubu għall-biċċa l-kbira tal-2012), riċentement reġgħet naqset għal terz tal-livell normali tagħha, u dan jerġa' jqajjem mill-ġdid tħassib dwar is-sigurtà tas-sors tal-enerġija primarju tal-pajjiż. Barra minn hekk, l-innegozjar mill-ġdid ta' kuntratt ta' provvista tal-gass mal-Eġittu żied il-prezz tiegħu bi tliet darbiet.

mill-Eġittu. In-nuqqas tal-IBD fl-2011 u l-2012 kompla jiddeterjora l-pożizzjoni esterna. Il-ħtiġijiet ta' finanzjar fl-2011-12 intlaħqu fil-biċċa l-kbira permezz ta' assistenza barranija, b'mod partikolari mill-pajjiżi tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (GCC) u l-istituzzjonijiet tal-Bretton Woods, u l-mobilizzazzjoni tar-riżervi internazzjonali, li naqsu b'14 % (b'USD 10.7 biljun) fl-2011 u b'mod aktar drammatiku matul l-2012, fejn laħqu USD 5.2 biljun (ftit aktar minn 3 xhur ta' importazzjonijiet) sal-aħħar tas-sena.

Il-finanzi pubbliċi ġew taħt pressjoni minħabba l-pakketti tan-nefqa soċjali adottati fl-2011, minħabba l-impatt baġitarju biż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija importata kif ukoll minħabba t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Id-defiċit tal-baġit bl-esklużjoni tal-għotjiet żdied minn 7.7 % tal-PDG fl-2010 għal 11.7 % fl-2011, filwaqt li d-dejn pubbliku tela' għal 70,7 % tal-PDG sa tmiem l-2011 (minn 67.1 % tal-PDG fi tmiem l-2010). Għalkemm il-baġit tal-2012 adottat fi Frar kien jipprevedi aġġustament fiskali kbir meta mqabbel mal-2011, sa nofs is-sena kien jidher ċar li dan ma kienx aktar possibbli, kien jirrifletti sussidji għall-fjuwil ħafna ogħla milli ppjanat, il-kont tal-pagi kien ogħla minħabba r-riforma tas-servizz ċivili, kien hemm nefqa ogħla fuq il-pensjonijiet u s-saħħa kif ukoll fuq l-akkomodazzjoni u l-assistenza medika għar-refuġjati Sirjani[2]. Biex itaffi s-sostenibbiltà tad-dejn u n-nuqqasijiet possibbli tal-flussi esterni, il-Gvern iddeċieda f'Mejju 2012 li jieħdu miżuri fiskali addizzjonali li ammontaw għal 3.4 % tal-PDG. L-għan kien li jitnaqqas id-defiċit globali fl-2012 b'madwar 1.5 punti perċentwali tal-PDG (għal 10.7 % tal-PGD, esklużi l-għotjiet).

Bħala nefqa, miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali (li jammontaw għal 2.9 % tal-PGD) inkludew: it-tneħħija ta' sussidji fuq il-gażolina ta' 95 ottan, il-fjuwil għall-ġettijiet u ż-żejt kombustibbli tqil; tnaqqis ta' 13 % fuq is-sussidju għall-gażolina ta' 90 ottan; żieda ta' 6 % fil-prezz tad-diżil; kif ukoll tnaqqis fin-nefqa kapitali u n-nefqa attwali. Bħala dħul, l-isforz ta' konsolidazzjoni kien ammonta għal 0.4 % tal-PDG u inkluda, fost affarijiet oħra, l-introduzzjoni ta' taxxa tal-bejgħ fuq it-telefowns ċellulari u s-sistemi tal-arja kundizzjonata; żieda fit-taxxi fuq il-karozzi, il-biljetti tal-ajru u l-alkoħol kif ukoll fuq l-prodotti tat-tabakk; u t-tneħħija ta' ċerti eżenzjonijiet mit-taxxa.

Fil-bidu ta' Settembru 2012, il-gvern ħa d-deċiżjoni li tkun introdotta 6 % taxxa fuq id-diżil u li jitneħħew is-sussidji minn fuq il-gażolina ta' 90 ottan. Madankollu, din id-deċiżjoni, li hija punt ta' riferiment fil-programm tal-FMI, fil-bidu ġiet sospiża mir-Re. Il-liberalizzazzjoni tal-gażolina ta' 90 ottan fl-aħħar seħħet f'nofs Novembru (flimkien mat-tneħħija ta' sussidji fuq id-diżil, il-pitrolju, u l-prezzijiet tal-gass għall-familji) b'konformità totali mal-punt ta' riferiment strutturali għall-aġġustament fil-prezzijiet stabbilit mill-programm tal-FMI. Għalkemm dawn il-miżuri wasslu għal protesti soċjali serji f'nofs Novembru, il-gvern żamm l-aġġustamenti fil-prezz tal-fjuwil.

Kif enfasizzat waqt Djalogu Konġunt fuq ir-Riformi Ekonomiċi mwettqa mill-Kummissjoni mal-awtoritajiet tal-Ġordan f'Ottubru li għadda, il-Ġordan għamel progress sinifikanti f'għadd ta' oqsma ta' riforma ewlenin. Dan jinkludi l-aġġustament tal-prezzijiet tal-enerġija, pjanijiet sabiex jiddiversifika fil-provvista tal-enerġija, miżuri li jżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-forza tax-xogħol, skemi li jappoġġjaw l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi, u s-sottomissjoni lill-Parlament ta' proposti leġiżlattivi dwar it-taxxa tad-dħul, il-PPPs u r-riforma tas-sigurtà soċjali. Madankollu, l-isfidi sostanzjali tar-riforma strutturali għad iridu jiġu indirizzati. Barra minn hekk, bosta proposti leġiżlattivi għadhom imwaħħlin fil-parlament, u

[2] Il-Ġordan qed jiġi affettwat b'mod serju mill-kriżi bla heda tar-refuġjati Sirjani. Bl-akbar fluss ta' refuġjati Sirjani (madwar 180,000 sa Jannar 2013) u b'kamp tar-refuġjati li qed jikber bl-aktar pass mgħaġġel (madwar 1 000 Sirjan jaqsmu l-fruntieri tal-Ġordan kull jum), il-Ġordan kien l-aktar pajjiż affettwat fir-reġjun fi żmien meta l-ekonomija kienet diġà qiegħda tiġġieled kontra skarsezza serja tal-ilma u tal-elettriku. Minn mindu faqqa' l-kunflitt fis-Sirja, l-ispiża baġitarja sabiex jiġu ospitati r-refuġjati Sirjani huwa stmat li qabżet EUR 600 miljun (madwar 3 % tal-PDG tar-Renju).

x-xoljiment tal-parlament kif ukoll l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet parlamentari miżmuma fl-aħħar ta' Jannar 2013 komplew jitfgħu lura l-adozzjoni tagħhom.

Fit-3 ta' Awwissu 2012, il-Bord tal-FMI approva, kif ġie nnutat, Ftehim ta' Kreditu ta' Riżerva (SBA) ta' USD 2 biljun ta' 36 xahar (800 % tal-kwota) għall-Ġordan. Il-programm relattivament ġie fornut bil-quddiem, bi 300 % tal-kwota (minn total ta' 800 %) tingħata fl-ewwel żewġ partijiet (it-tieni parti għandha tingħata hekk kif titlesta tal-ewwel reviżjoni tal-programm). Il-programm jipprevedi pakkett ta' miżuri li għandhom l-għan li jsaħħu t-tkabbir filwaqt li jnaqqsu l-vulnerabbiltà għax-xokkijiet eżoġeni, b'mod speċjali billi jirriformaw s-sistema tas-sussidji għall-enerġija, billi jwasslu biex NEPCO tirkupra l-kostijiet u jippromwovu diversifikazzjoni fil-provvista tal-enerġija. Il-programm jipprevedi aktra konsolidazzjoni fis-settur fiskali permezz tar-razzjonalizzazzjoni effettiva tas-sistema tat-taxxa, l-amministrazzjoni tat-taxxa mtejba u tnaqqis fin-nefqa. Għall-2013, huma ppjanati miżuri ta' aġġustament fiskali addizzjonali sostanzjali, inklużi żidiet fil-prezzijiet tad-diżil u tal-pitrolju, tnaqqis fl-eżenzjonijiet fiskali u possibbilment, żidiet fit-taxxi tas-sisa, bl-għan li jitnaqqas id-defiċit fiskali, esklużi l-għotjiet, għal 9.3 % tal-PDG għal din is-sena (5.5 % inklużi l-għotjiet).

Id-differenza finanzjarja esterna ibbażata fuq l-aħħar projezzjonijiet tal-FMI disponibbli, għall-programm tal-FMI għall-perjodu (2013-2015) hija stmata għal madwar USD 5,9 biljun, li essenzjalment tirrifletti defiċit mdaqqas (għalkemm qed jonqos tul iż-żmien) fil-kont kurrenti u l-bżonn li jerġgħu jinbnew ir-riżervi uffiċjali tal-kambju. Bir-riservi li diġà kienu f'livell baxx ħafna fi tmiem l-2012 (ftit aktar mill-punt ta' riferiment minimu ta' 3 xhur fl-importazzjonijiet, kif ġie nnutat), u l-bilanċ tal-pagamenti tal-Ġordan li għadu vulnerabbli ħafna għax-xokkijiet esterni, b'mod speċjali b'aktar tfixkil fil-provvisti tal-gass mill-Eġittu u l-iżviluppi politiċi fir-reġjun, il-programm tal-FMI għandu l-għan li joħloq riforniment konsiderevoli tar-riżervi uffiċjali. Bl-iżborż nett skont l-SBA u s-Self għall-Politika tal-Iżvilupp (SPŻ) tal-Bank Dinji, il-Ġordan qed jiffaċċja differenza finanzjarja esterna residwa ta' USD 4,1 biljun tul dawn it-tliet snin, li għandhom jiġu koperti minn donaturi oħrajn (il-pajjiżi tal-GCC, l-Istati Uniti, l-UE, Franza, u l-Ġappun). L-MFA proposta mill-UE tikkorrispondi għal madwar 4.4 % mid-differenza finanzjarja esterna residwa.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Xejn

- **Konsistenza mal-bqija tal-politiki u l-għanijiet tal-Unjoni**

L-UE ilha għal żmien twil interessata li taħdem mal-Ġordan, għax tirrikonoxxi r-rwol stabbilizzanti tal-Ġordan fir-reġjun kif ukoll minħabba r-rabtiet ekonomiċi u finanzjarji tagħha. Ir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn l-UE u l-Ġordan huma inkwadrati mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ta' Mejju 2002, li jilliberalizza l-kummerċ bejn iż-żewġ partijiet u jipprevedi t-tisħiħ tad-djalogu politiku bilaterali u l-kooperazzjoni ekonomika ta' bejniethom. Ir-relazzjonijiet bilaterali komplew jissaħħu skont il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) tal-UE, anki permezz tal-adozzjoni fl-2005 ta' Pjan ta' Azzjoni fuq ħames snin tal-PEV, sostitwit minn Pjan ta' Azzjoni ġdid ta' 5 snin fl-2010, li jidentifika miżuri ta' riforma ewlenin kemm fl-isfera politika kif ukoll dik ekonomika, u jippromwovi l-konverġenza regolatorja tal-Ġordan mal-UE. Barra minn hekk, il-Ġordan huwa l-ewwel mill-pajjiżi sieħba tal-Mediterran li magħhom l-UE kkonkludiet negozjati tekniċi li wasslu għal "Status Avvanzat". Hija wkoll Membru tal-Unjoni għall-Mediterran. Ir-rabtiet ekonomiċi mal-UE huma importanti wkoll. Fl-2011, l-UE kienet l-ewwel sors għall-importazzjonijiet mill-Ġordan (20.1 %), għalkemm

kienet biss is-seba' destinazzjoni fl-esportazzjonijiet tal-Ġordan. U l-UE offriet lill-Ġordan, kif ġie nnutat, in-negozjar ta' DCFTA bil-għan li tiżdied l-integrazzjoni tal-Ġordan mas-suq uniku tal-UE.

Kollox ma' kollox, filwaqt li tat-triq tal-Ġordan għad-demokrazija sħiħa mhix mingħajr diffikultajiet u jibgħu ċerti inċertezzi sinifikanti, il-pajjiż għamel passi sinifikanti lejn riforma politika u ekonomika u hemm ukoll qafas sod ta' relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u l-Ġordan.

Minn mindu r-Rebbiegħa Għarbija bdiet, l-UE ddikjarat f'diversi okkażjonijiet l-impenn tagħha li tappoġġja lill-Ġordan fil-proċess ta' riforma ekonomika u politika tiegħu. Tabilħaqq, l-impenn tal-UE li tappoġġja r-riforma politika u ekonomika tal-Ġordan kien il-messaġġ prinċipali tal-ewwel Task Force bejn l-UE u l-Ġordan li saret f'Amman fi Frar 2012.

Il-proposta tal-MFA hija konsistenti mal-impenn tal-UE li tappoġġja t-tranżizzjoni ekonomika u politika tal-Ġordan. Hija wkoll konsistenti mal-linji gwida għall-MFA, kif stipulat mill-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2002 dwar l-MFA u l-ittra li takkumpanjahom mingħand il-President tal-Kunsill lill-President tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, u kif spjegat f'aktar dettall fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni, il-proposta hija konsistenti mal-prinċipji li ġejjin: karattru eċċezzjonali, prekundizzjonijiet politiċi, kumplimentarjetà, kundizzjonalità u dixxiplina finanzjarja.

Il-Kummissjoni se tkompli tagħmel monitoraġġ u tivvaluta waqt l-operazzjoni tal-MFA li dawn il-kriterji ntlaħqu, inkluża l-valutazzjoni, b'rabta mill-qrib mas-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna, tal-prekundizzjonijiet politiċi.

2 RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

L-għajnuna makrofinanzjarja qed tingħata bħala parti integrali mill-appoġġ internazzjonali għall-programm ta' rkupru u stabbilizzazzjoni ekonomika tal-Ġordan. Fil-preparazzjoni ta' din il-proposta għall-MFA, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonsultaw mal-Fond Monetarju Internazzjonali u mal-Bank Dinji, li diġà waqqfu programmi konsiderevoli għall-iffinanzjar. Il-Kummissjoni kkonsultat mal-Istati Membri tal-UE fil-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju qabel ma ssottomettiet il-proposta tagħha għal AMF. Il-Kummissjoni kienet ukoll f'kuntatt regolari mal-awtoritajiet tal-Ġordan.

- **Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert**

Sejra titwettaq Valutazzjoni Operazzjonali li tivverifika l-kwalità u l-affidabilità taċ-ċirkwiti finanzjarji pubbliċi u tal-proċeduri amministrattivi tal-Ġordan mill-Kummissjoni, bl-assistenza ta' esperti esterni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-MFA u l-programm ta' riformi u aġġustamenti ekonomiċi assoċjat magħha għandhom jgħinu sabiex jittaffew il-ħtiġijiet finanzjarji tal-Ġordan għal terminu ta' żmien qasir, filwaqt li jappoġġaw il-miżuri ta' politika maħsuba biex isaħħu l-bilanċ tal-pagamenti u s-sostenibbiltà fiskali għal terminu ta' żmien medju, u biex iżidu t-tkabbir sostenibbli kif maqbul mal-FMI.

B’mod partikulari, hija se tgħin biex jitjiebu l-effiċjenza u t-trasparenza fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi; ikunu promossi r-riformi fiskali sabiex jiżdied il-ġbir tat-taxxa u tittejjeb il-progressività fis-sistema fiskali; ikunu appoġġjati l-isforzi li għaddejjin bħalissa sabiex tissaħħaħ is-sistema ta' protezzjoni soċjali soċjali; ikunu promossi r-riformi fis-suq tax-xogħol (biex jitnaqqas il-qgħad u tiżdied ir-rata ta’ parteċipazzjoni, b'mod speċjali fost in-nisa); tkun ifaċilitata l-adozzjoni ta’ miżuri sabiex jitjieb il-qafas regolatorju għall-kummerċ u l-investiment.

3 ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

L-Unjoni Ewropea tqiegħed l-MFA għad-dispożizzjoni tal-Ġordan għall-ammont massimu totali ta’ EUR 180 miljun, ipprovduti fil-forma ta’ self fuq terminu ta’ żmien medju. L-assistenza se tikkontribwixxi biex tiġi koperta l-ħtieġa ta’ finanzjament estern residwu fl-2013-14 skont kif identifikat mill-Kummissjoni abbażi tal-estimi tal-FMI.

L-assistenza hija ppjanata li tingħata f’żewġ pagamenti ta’ self u li tiġi xi ftit antiċipata minħabba l-urġenza tal-ħtiġijiet finanzjarji. L-iżborż tal-ewwel pagament parzjali huwa mistenni li jsir fit-tieni nofs tal-2013. It-tieni pagament parzjali, li jiddependi fuq għadd ta’ miżuri politiċi, jista’ jitħallas fl-ewwel nofs tal-2014. L-assistenza se tkun ġestita mill-Kummissjoni. Għall-għajnuna japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-prevenzjoni tal-frodi u ta’ irregolaritajiet oħrajn, b’mod konsistenti mar-Regolament Finanzjarju.

Bħalma jiġri s-soltu fl-istrument tal-MFA, il-ħlasijiet se jkunu jiddependu fuq reviżjonijiet tal-programm li jsiru b’suċċess skont l-arranġament finanzjarju tal-FMI (l-SBA). Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Ġordan se jaqblu dwar miżuri speċifiċi ta’ riforma strutturali f’Memorandum ta’ Ftehim. Il-Kummissjoni se timmira għal riformi strutturali mmirati biex itejbu l-ġestjoni makroekonomika globali u l-kundizzjonijiet għat-tkabbir sostenibbli (pereżempju; billi jkun hemm fil-mira t-trasparenza u l-effiċjenza fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi; ir-riformi fiskali; ir-riformi sabiex tissaħħaħ is-sistema ta' protezzjoni soċjali; ir-riformi fis-suq tax-xogħol; u r-riformi sabiex jitjieb il-qafas regolatorju għall-kummerċ u l-investiment).

Id-deċiżjoni li tingħata l-MFA kollha fil-forma ta' self hija ġġustifikata mil-livell ta’ żvilupp tal-Ġordan (kif imkejjel mid-dħul tiegħu per capita) u mill-indikaturi tad-dejn tiegħu. Hija wkoll konsistenti mat-trattament mogħti lill-Ġordan mill-Bank Dinji u mill-FMI. Tabilħaqq, il-Ġordan mhux eliġibbli għal finanzjament agevolat la mingħand l-IDA u lanqas mingħand il-Fond Fiduċjarju tal-FMI għat-Tnaqqis tal-Fqar u għat-Tkabbir.

- **Bażi legali**

Il-bażi legali għal din il-proposta huwa l-Artikolu 212 tat-TFUE.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa’ taħt il-kompetenza mħallta tal-UE. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sal-punt li l-objettivi sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid tal-istabbiltà makroekonomika għal terminu ta’ żmien qasir fil-Ġodan ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom, u jistgħu għalhekk jintlaħqu aħjar mill-Unjoni Ewropea. Ir-raġunijiet ewlenin

huma l-limitazzjonijiet baġitarji ffaċċjati fil-livell nazzjonali u l-ħtieġa għal koordinazzjoni b'saħħitha tad-donaturi sabiex jitkabbru kemm jista' jkun l-iskala u l-effettività tal-għajnuna.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità: tillimita ruħha għall-minimu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' stabbiltà makroekonomika fuq perjodu ta' żmien qasir u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dan l-iskop.

Kif identifikat mill-Kummissjoni abbażi tal-istimi tal-FMI fil-kuntest tal-Arranġament dwar l-SBA, l-ammont tal-assistenza jikkorrispondi għal 4.4 % tad-differenza finanzjarja residwa għall-perjodu mill-2013 sal-2015. Dan huwa konsistenti mar-regoli standard dwar il-qsim tal-piż għall-operazzjonijiet tal-għajnuna makrofinanzjarja. Meta wieħed iqis l-għajnuna mwiegħda lill-Ġordan minn donaturi u kredituri bilaterali u multilaterali oħrajn, dan jitqies bħala livell xieraq fil-qsim tal-piż għall-UE.

- **Għażla tal-istrumenti**

Strumenti oħrajn ma jkunux adegwati, minħabba li, fin-nuqqas ta' regolament ta' qafas dwar l-Assistenza Makrofinanzjarja, id-deċiżjonijiet ad hoc tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill skont l-Artikolu 212 tat-TFUE huma l-uniċi istrumenti legali disponibbli għal din l-għajnuna.

Il-finanzjament jew l-assistenza teknika għall-proġetti mhux se jkunu adattati jew suffiċjenti biex jindirizzaw dawn l-objettivi makroekonomiċi. Il-valur miżjud ewlieni tal-MFA, meta mqabbla ma' strumenti oħrajn tal-UE, huwa li hija ttaffi l-limitazzjoni finanzjarja esterna u tgħin sabiex jinħoloq qafas makroekonomiku stabbli, inkluż billi tippromwovi bilanċ tal-pagamenti u sitwazzjoni baġitarja sostenibbli, kif ukoll qafas xieraq għar-riformi strutturali. L-MFA, bl-għajnuna tagħha sabiex jiġi stabbilit qafas ġenerali xieraq għall-politiki makroekonomiċi u strutturali, tista' żżid l-effikaċja tal-azzjonijiet iffinanzjati fil-Ġordan taħt strumenti finanzjarji oħrajn tal-UE ffokati b'mod aktar preċiż.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-assistenza ppjanata għandha tingħata f'forma ta' self u għandha tkun ffinanzjata permezz ta' operazzjoni ta' teħid b'self li l-Kummissjoni se twettaq f'isem l-UE. L-ispejjeż baġitarji tal-assistenza se jikkorrispondu għall-provvediment, b'rata ta' 9 %, tal-ammonti mħallsa fil-fond ta' garanzija għal self estern tal-UE, mil-linja baġitarja 01 04 01 14 ("il-provvediment tal-Fond ta' Garanzija"). Jekk wieħed jassumi li l-ewwel żborż ta' ammonti mislufa se jsir fl-2013 għall-ammont ta' EUR 100 miljun u t-tieni żborż ta' ammonti mislufa se jsir fl-2014 għall-ammont ta' EUR 80 miljun, u skont ir-regoli li jirregolaw il-mekkaniżmu tal-fond ta' garanzija, il-provvediment se seħħ fi ħdan il-baġits tal-2015 u l-2016.

5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

- **Klawżola ta' analiżi/reviżjoni/skadenza awtomatika**

Il-proposta tinkludi klawżola ta' skadenza awtomatika. L-għajnuna makrofinanzjarja proposta għandha tkun disponibbli għal sentejn, li jibdew mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Ftehim.

2013/0128 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tipprevedi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea[3],

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[4],

Billi:

(1) Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan ("il-Ġordan") qegħdin jiżviluppaw fi ħdan il-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV). Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, daħal fis-seħħ f'Mejju 2002. Id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni ekonomika bilaterali koplew jiżviluppaw fi ħdan il-qafas tal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-PEV, li l-aktar reċenti jkopru l-perjodu 2010-2015. Fl-2010, l-Unjoni tat lill-Ġordan sħubija ta' "Status Avvanzat", li twessa' l-ambitu tal-kooperazzjoni ta' bejn iż-żewġ pajjiżi.

(2) L-ekonomija tal-Ġordan kienet affettwata b'mod sinifikanti minn avvenimenti domestiċi relatati ma' avvenimenti fin-Nofsinhar tal-Mediterran sa minn tmiem l-2010, magħrufa bħala "r-Rebbiegħa Għarbija", kif ukoll mill-inkwiet reġjonali li ma jaqtax, b'mod partikolari fl-Eġittu u s-Sirja, il-pajjiżi ġirien. Flimkien ma' ambjent globali aktar dgħajjef, it-tfixkil ripetut fil-fluss tal-gass naturali mill-Eġittu li wassal biex il-Ġordan jissostitwixxu l-importazzjonijiet tal-gass mill-Eġittu għal fjuwils aktar għolin għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, u l-fluss qatigħ tar-refuġjati mis-Sirja, rriżultaw f'diskrepanzi finanzjarji importanti esterni kif ukoll baġitarji.

(3) Minn mindu r-Rebbiegħa Għarbija bdiet, l-Unjoni ddikjarat f'diversi okkażjonijiet l-impenn tagħha li tappoġġja lill-Ġordan fi proċess ta' riforma ekonomika u politika tiegħu. Dan l-impenn ġiet affermat mill-ġdid fil-konklużjonijiet tal-għaxar laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u l-Ġordan f'Diċembru 2012.

(4) Il-Ġordan beda sensiela ta' riformi politiċi, li b'mod speċjali wasslu għall-adozzjoni mill-Parlament tal-Ġordan, f'Settembru 2011 għal aktar minn 40 emenda kostituzzjonali, li jirrappreżentaw pass sinifikanti lejn sistema demokratika b'mod

[3] ĠU C […], […], p. […].

[4] Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' … 2012 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' … 2012.

sħiħ. L-appoġġ politiku u ekonomiku mill-Unjoni lill-proċess ta' riforma tal-Ġordan huwa konsistenti mal-politika tal-Unjoni għan-Nofsinhar tar-reġjun Mediterranju, kif stabbilit fil-kuntest tal-PEV.

(5) F'Awwissu 2012, l-awtoritajiet tal-Ġordan u l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) ftiehmu fuq Arranġament ta' Riżerva għall-tliet snin tal-SDR (drittijiet speċjali ta' prelevament) ta' 1,364 miljun bħala appoġġ għall-programm ta' aġġustamenti u riformi ekonomiċi.

(6) L-Unjoni għamlet disponibbli EUR 293 miljun f'għotjiet għall-perjodu 2011-13 taħt il-programm ta' kooperazzjoni regolari tagħha, biex tappoġġja l-aġenda ta' riforma politika u ekonomika tal-Ġordan. Barra minn hekk, EUR 70 miljun ġew allokati għall-Ġordan fl-2012 taħt il-programm "Sostenn għas-Sħubija, ir-Riforma u t-Tkabbir Inklużiv" (SPRING), u EUR 10 miljun f'għajnuna umanitarja tal-Unjoni biex jiġu megħjuna r-refuġjati Sirjani.

(7) F'Diċembru 2012 il-Ġordan talab assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni minħabba li s-sitwazzjoni u l-prospettiva ekonomiċi li kienu qed jeħżienu.

(8) Minħabba li, wara li jitqies l-appoġġ makroekonomiku mogħti mill-FMI u mill-Bank Dinji, għad hemm differenza finanzjarja residwa fil-bilanċ tal-pagamenti tal-Ġordan, u minħabba l-vulnerabbiltà tal-pożizzjoni finanzjarja esterna tal-Ġordan għax-xokkijiet eżoġeni, li teħtieġ li jinżamm livell xieraq ta' riservi tal-kambju barrani, l-assistenza makrofinanzjarja qed titqies bħala tweġiba adattata għat-talba tal-Ġordan fiċ-ċirkustanzi eċċezzjonali attwali. L-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni lill-Ġordan ("l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni") għandha tgħin l-aġenda tal-istabbilizzazzjoni ekonomika u tar-riforma strutturali tal-Ġordan, filwaqt li tissuplimenta ir-riżorsi li huma disponibbli taħt l-arranġament finanzjarju tal-FMI.

(9) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni m'għandhiex tissupplimenta biss il-programmi u r-riżorsi mogħtija mill-FMI u mill-Bank Dinji, iżda għandha tiżgura wkoll il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun legalment u sostanzjalment konformi mal-miżuri meħuda fl-oqsma differenti tal-azzjoni esterna u politiki oħrajn rilevanti tal-Unjoni.

(10) L-objettivi speċifiċi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom ikunu sabiex jissaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà fis-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Ġordan, u sabiex jiġu promossi r-riformi strutturali li għandhom l-għan li jappoġġjaw it-tkabbir sostenibbli u inklussiv, il-ħolqien tax-xogħol u l-konsolidazzjoni fiskali. Il-Kummissjoni għandha tagħmel monitoraġġ regolari fuq dawn l-objettivi.

(11) Il-kundizzjonijiet sottostanti għall-provvediment ta' assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni għandhom jirriflettu l-prinċipji u l-għanijiet ewlenin tal-politika tal-Unjoni rigward il-Ġordan.

(12) Sabiex tkun żgurata l-protezzjoni effikaċi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni marbuta ma' din l-assistenza makrofinanzjarja, huwa meħtieġ illi l-Ġordan jadotta l-miżuri xierqa relatati mal-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u kull irregolarità oħra marbuta ma' din l-assistenza, u l-ġlieda kontrihom. Jeħtieġ ukoll li jsir provvediment għal kontrolli xierqa mill-Kummissjoni u awditjar xierqa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

(13) L-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandu jkun bla ħsara għas-setgħat tal-awtorità baġitarja.

(14) L-assistenza għandha tkun ġestita mill-Kummissjoni. Sabiex ikun żgurat li l-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju jkunu jistgħu jsegwu l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tinfurmahom regolarment bl-iżviluppi marbutin mal-assistenza u tipprovdilhom id-dokumenti rilevanti.

(15) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat għandhom *ikunu eżerċitati* skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[5]. Il-fatt li l-assistenza hija ta' ammont sostanzjali u għalhekk għandha impatt potenzjalment importanti, jiġġustifika l-użu tal-proċedura ta' eżami, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Unjoni għandha tagħmel disponibbli għall-Ġordan l-ammont massimu ta' EUR 180 miljun f'assistenza makrofinanzjarja, sabiex jiġu appoġġjati l-istabbiltà ekonomika u r-riformi tal-Ġordan. L-assistenza tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-Ġordan għall-bilanċ tal-pagamenti kif inhuma identifikati fil-programm attwali tal-FMI.

2. L-ammont sħiħ tal-assistenza makrofinanzjarja jkun ipprovdut lill-Ġordan fil-forma ta' self. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa, f'isem l-Unjoni, biex tissellef il-fondi meħtieġa mis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji, sabiex minn naħa tagħha ssellifhom lill-Ġordan. Is-self għandu jkollu maturità massima ta' 15-il sena.

3. L-għoti tal-assistenza makroekonomika tal-Unjoni jkun ġestit mill-Kummissjoni b'mod li jkun konsistenti mal-ftehimiet jew l-akkordji li ntlaħqu bejn l-FMI u l-Ġordan, u bil-prinċipji ewlenin u l-objettivi tar-riformi ekonomiċi stipulati fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan u l-Pjan ta' Azzjoni bejn l-UE u l-Ġordan għall-2010 u l-2015 miftiehmin skont il-Politika Ewropea tal-Viċinat. Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju bl-iżviluppi fl-immaniġjar tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, u għandha tipprovdihom bid-dokumenti rilevanti.

4. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun disponibbli, għal perjodu ta' sentejn, mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Qbil imsemmi fl-Artikolu 2(1).

Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni, li taġixxi skont il-proċedura ta' eżami li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 6(2), tkun mogħtija s-setgħa li taqbel mal-awtoritajiet tal-Ġordan dwar il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji mehmuża mal-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni, li għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Qbil li għandu jinkludi perjodu ta' żmien għat-twettiq tagħhom (minn hawn 'il quddiem

[5] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

"Memorandum ta' Qbil"). Il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu konsistenti mal-ftehimiet jew l-akkordji msemmija fl-Artikolu 1(3). Dawn il-kundizzjonijiet jimmiraw, b'mod partikolari, li jsaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tas-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Ġordan, inkluż l-użu tal-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni. Il-Kummissjoni tagħmel monitoraġġ regolari biex tara li qed isir progress fl-iħuq ta' dawn l-objettivi.

2. It-termini finanzjarji ddettaljati tal-għajnuna għandhom jiġu stipulati fi Ftehim tas-Self li għandu jintlaħaq bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Ġordan.

3. Matul l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni, il-Kummissjoni tagħmel monitoraġġ fuq il-validità tal-arranġamenti finanzjarji tal-Ġordan, il-proċeduri amministrattivi u l-mekkaniżmi ta' kontroll interni u esterni li huma rilevanti għall-assistenza kif ukoll għall-aderenza mal-perjodu ta' żmien miftiehem.

4. Il-Kummissjoni tivverifika f'intervalli regolari li l-politiki ekonomiċi tal-Ġordan jkunu skont l-objettivi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni u li l-kundizzjonijiet miftiehma tal-politika ekonomika qegħdin jiġu mħarsa b'mod sodisfaċenti. Hija u tagħmel dan, il-Kummissjoni tikkoordina mill-qrib mal-FMI u mal-Bank Dinji u, fejn ikun meħtieġ, mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.

Artikolu 3

1. Suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2, l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni lill-Ġordan tkun disponibbli mill-Kummissjoni f'żewġ pagamenti parzjali ta' self. Id-daqs ta' kull pagament parzjali għandu jiġi stabbilit fil-Memorandum ta' Qbil.

2. Il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar l-għoti tal-pagamenti parzjali, suġġett għall-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-programm tal-FMI u t-twettiq tal-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjari miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil. Il-ħlas tat-tieni pagament parzjali m'għandux jseħħ qabel ma jgħaddu tliet xhur mill-ħruġ tal-ewwel pagament parzjali.

3. Il-fondi tal-Unjoni Ewropea jitħallsu lill-Bank Nazzjonali tal-Ġordan. Suġġett għad-dispożizzjonijiet li jridu jiġu maqbula fil-Memorandum ta' Qbil, inkluża konferma tal-ħtiġijiet finanzjarji baġitarji residwi, il-fondi tal-Unjoni jistgħu jitħallsu lill-Ministeru tal-Finanzi tal-Ġordan bħala l-benefiċjarju aħħari.

Artikolu 4

1. L-operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self relatati mal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni isiru fil-munita euro bl-użu tal-istess data tal-valur, u ma jesponux lill-Unjoni għall-ebda riskju relatat fit-trasformazzjoni tal-maturitajiet, fi kwalunkwe riskju fir-rata tal-kambju jew tal-imgħax, jew fi kwalunkwe riskju kummerċjali ieħor.

2. Fuq it-talba tal-Ġordan**,** il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi neċessarji sabiex tiżgura li klawżola dwar ħlas lura qabel iż-żmien tkun inkluża fit-termini u l-kundizzjonijiet ta' self. Il-klawsola dwar ħlas lura qabel iż-żmien tkun akkumpanjata minn klawżola korrispondenti dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-operazzjonijiet ta' self tal-Kummissjoni.

3. Fuq talba tal-Ġordan u fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu titjib fir-rata tal-imgħax tas-self, il-Kummissjoni tista' tirrifinanzja s-self inizjali kollu tal-Ġordan jew parti minnu, jew tirristruttura l-kundizzjonijiet finanzjarji korrispondenti. L-operazzjonijiet ta' rifinanzjament jew ta' ristrutturar għandhom jitwettqu skont il-

kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 u ma jkollhomx l-effett li jestendu l-maturità medja tas-self ikkonċernat jew li jżidu l-ammont ta' kapital pendenti fid-data tar-rifinanzjament jew tar-ristrutturar.

4. L-ispejjeż kollha sostnuti mill-Unjoni li huma marbutin mal-operazzjonijiet tal-għoti jew ta' teħid ta' self skont din id-Deċiżjoni, jitħallsu mill-Ġordan.

5. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju bl-iżviluppi fl-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3.

Artikolu 5

1. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tiġi implimentata skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta'Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġeneral tal-Unjoni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002[6] u r-regoli ta' applikazzjoni tiegħu[7].

2. Il-Memorandum ta' Qbil u l-Ftehim ta' Self li għandu jsir qbil dwarhom mal-awtoritajiet tal-Ġordan, għandhom jipprevedu miżuri xierqa marbutin mal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni, u kull irregolarità oħra li tinfluwenza l-assistenza. Sabiex tkun żgurata trasparenza akbar fil-ġestjoni u l-ħlas tal-fondi, il-Memorandum ta' Qbil u l-Ftehim ta' Self għandhom jipprevedu wkoll kontrolli, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni, inkluż mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi. Barra minn hekk, dawn id-dokumenti jipprovdu li jitwettaq awditjar, inkluż fejn ikun xieraq, awditjar fuq il-post, mill-Qorti tal-Awdituri.

Artikolu 6

1. Il-Kummissjoni tkun megħjuna minn kumitat. Dan il-Kumitat ikun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 7

1. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fis-sena ta' qabel, inkluża evalwazzjoni ta' din l-implimentazzjoni. Ir-rapport għandu jindika r-rabta bejn il-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika stipulati fil-Memorandum ta' Qbil, il-prestazzjoni ekonomika u fiskali attwali tal-Ġordan u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li tirrilaxxa l-pagamenti parzjali tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.

2. Sa mhux aktar tard minn sentejn wara li jiskadi l-perjodu ta' disponibbiltà msemmi fl-Artikolu 1(4), il-Kummissjoni tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni ex post .

[6] ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
[7] ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva:

1.2. Qasam/Oqsma ta’ politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Objettivi

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju:

1.7. Metodu/i ta’ mmaniġġjar previst(i)

2. MIŻURI TA’ MMANIĠĠJAR

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta’ mmaniġġjar u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u irregolaritajiet:

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata:

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva:

L-assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB[8]

Qasam politiku: Titolu 01 – L-affarijiet ekonomiċi u finanzjarji

Attività: 03 – L-affarijiet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

X Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda azzjoni ġdida

1.4. Objettivi

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

"Il-promozzjoni tal-prosperità lil hinn mill-UE"

Il-qasam ewlieni tal-attività marbuta mad-DĠ ECFIN huwa dan li ġej:

1. It-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat permezz tal-approfondiment tal-analiżi ekonomika u t-tisħiħ tad-djalogu politiku kif ukoll bil-pariri dwar l-aspetti ekonomiċi tal-Pjanijiet ta' Azzjoni.

2. L-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja għal pajjiżi terzi sieħba, b'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali relevanti.

1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/ċi u attività/ajiet ABM/ABB kkonċernata/i

Objettiv speċifiku Nru 3: "Li tingħata għajnuna makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi sabiex isolvu l-kriżijiet tagħhom marbutin mal-bilanċ tal-pagamenti u sabiex jerġgħu jistabbilixxu s-sostenibbiltà tad-dejn estern"

L-attività/ajiet tal-ABM/ABB ikkonċernata/i: Ir-Relazzjonijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Internazzjonali, il-governanza globali.

1.4.3. Ir-riżultat(i) mistenni(ja) u l-impatt

L-assistenza proposta tikkonsisti f'self mill-UE ta' EUR 180 miljun li r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (minn hawn 'il quddiem "il-Ġordan"), bil-għan li jikkontribwixxi għal sitwazzjoni aktar sostenibbli fil-bilanċ tal-pagamenti. L-assistenza, li għandha tingħata f'żewġ pagamenti parzjali, sejra tgħin lill-pajjiż jegħleb it-tbatijiet ekonomiċi u soċjali mġarrba minħabba inkwiet domestiku u reġjonali. Hija se tippromwovi wkoll riformi strutturali mmirati biex iżidu t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u biex itejbu l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi.

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt

L-awtoritajiet se jkunu mitluba jirrappurtaw lis-servizzi tal-Kummissjoni fuq bażi regolari dwar sett ta' indikaturi kif ukoll jipprovdu rapport komprensiv dwar il-konformità mal-kundizzjonijiet maqbula ta' politika, qabel ma jitħallas it-tieni pagament parzjali tal-assistenza.

[8] ABM: Immaniġjar Ibbażat fuq l-Attività – ABB: Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività.

Is-servizzi tal-Kummissjoni sejrin ikomplu jimmonitorjaw il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, wara l-valutazzjoni operazzjonali taċ-ċirkwiti finanzjarji u l-proċeduri amministrattivi fil-Ġordan, li se jitwettqu fil-preparazzjoni ta' din l-operazzjoni. Id-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Ġordan sejra tipprovdi wkoll rapportar regolari dwar kwistjonijiet li huma relevanti għall-monitoraġġ tal-assistenza. Is-servizzi tal-Kummissjoni sejrin jibqgħu f'kuntatt mill-qrib mal-FMI u l-Bank Dinji sabiex jibbenefikaw mill-għarfien li jkollhom mill-attivitajiet kurrenti tagħhom fil-Ġordan.

Fid-deċiżjoni leġiżlattiva proposta huwa previst rapport annwali lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li jkun fih valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din l-operazzjoni. Evalwazzjoni indipendenti ex post dwar l-għajnuna se titwettaq fi żmien sentejn wara l-iskadenza tal-perjodu ta' implimentazzjoni.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jintlaħqu fuq medda qasira jew fuq medda twila ta' żmien

L-iżborż tal-assistenza se jiddependi fuq rekord imgħoddi sodisfaċenti fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kreditu ta' Riżerva (SBA) bejn il-Ġordan u l-FMI. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tilħaq ftehim mal-awtoritajiet tal-Ġordan dwar għadd ta' kundizzjonijiet speċifiċi ta' politika li għandhom jiġu ssodisfati qabel ma l-Kummissjoni tirrilaxxa t-tieni pagament parzjali.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

Billi tgħin lill-pajjiż jegħleb ix-xokk ekonomiku kkawżat mill-ferment domestiku u reġjonali, l-MFA li ġiet proposta se tikkontribwixxi biex fil-pajjiż tippromwovi l-istabblità makroekonomika, ir-riformi ekonomiċi u l-progress politiku. Billi tikkumplimenta r-riżorsi li tqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, mill-UE u minn donaturi oħrajn, hija se tikkontribwixxi għall-effettività ġenerali tal-pakkett ta' appoġġ finanzjarju maqbul mill-komunità internazzjonali ta' donaturi wara l-kriżi.

Il-programm propost se jsaħħaħ ukoll l-impenn tal-gvern favur ir-riforma u l-aspirazzjoni tiegħu li jkollu relazzjonijiet aktar mill-qrib mal-UE. Dan ir-riżultat se jinkiseb, fost l-oħrajn, permezz ta' kundizzjonalità xierqa għall-ħlas tal-għajnuna. F'kuntest akbar, il-programm se juri lill-pajjiżi l-oħra fir-reġjun li l-UE hija lesta tappoġġa pajjiżi li jkunu qed jaqbdu triq ċara lejn ir-riformi politiċi, f'mumenti ta' diffikultajiet ekonomiċi.

1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Sa mill-2004 'l hawn saru b'kollox ħmistax-il evalwazzjoni ex post fuq operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja. Dawn l-evalwazzjonijiet s'issa kkonkludew li l-azzjonijiet tal-MFA tabilħaqq jikkontribwixxu, minkejja li xi kultant modestament u indirettament, għat-titjib tas-sostenibbiltà esterna, l-istabbilità makroekonomika u l-kisba ta' riformi strutturali fil-pajjiż benefiċjarju. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-operazzjonijiet tal-MFA kellhom effett pożittiv fuq il-bilanċ tal-pagamenti tal-pajjiż benefiċjarju u kkontribwew biex jonqsu l-pressjonijiet baġitarji. Dawn wasslu wkoll biex ikun hemm tkabbir ekonomiku kemm kemm ogħla.

1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn

L-UE hija fost id-donaturi ewlenin tal-Ġordan. L-Unjoni għamlet disponibbli EUR 293 miljun f'għotjiet għall-perjodu 2011-13 taħt il-kooperazzjoni regolari tagħha, biex tappoġġja l-aġenda ta' riforma politika u ekonomika tal-Ġordan. Barra minn hekk, EUR 70 miljun ġew allokati għall-Ġordan fl-2011 taħt il-programm

SPRING, u EUR 10 miljun f'Għajnuna Umanitarja biex jiġu megħjuna r-refuġjati Sirjani.

Il-valur miżjud ewlieni tal-MFA, meta mqabbla ma' strumenti oħrajn tal-UE, se jkun li hija tgħin sabiex jinħoloq qafas makroekonomiku stabbli, inkluż billi tippromwovi bilanċ tal-pagamenti u sitwazzjoni baġitarja sostenibbli, kif ukoll qafas xieraq għar-riformi strutturali. L-għajnuna makrofinanzjarja la tipprovdi appoġġ finanzjarju regolari u lanqas ma hija maħsuba biex tappoġġa l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi li jirċevuha. L-għajnuna makrofinanzjarja għandha titwaqqaf hekk kif is-sitwazzjoni finanzjarja esterna tal-pajjiż tkun reġgħet qabdet triq sostenibbli. Wara, strumenti regolari ta' assistenza b'kooperazzjoni mal-UE huma maħsuba li jidħlu fis-seħħ.

L-MFA hija maħsuba wkoll li tkun kumplimentari għall-interventi mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, b'mod partikolari għall-programm ta' aġġustament u riforma appoġġjat mill-SBA tal-FMI u għas-Self għall-Politika tal-Iżvilupp tal-Bank Dinji.

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju:

X Proposta/inizjattiva b'tul ta' żmien limitat

X Proposta/inizjattiva fis-seħħ għal sentejn minn meta jidħol fis-seħħ il-Memorandum ta' Ftehim, kif iddikjarat fl-Artikolu (1.4) tad-Deċiżjoni.

X Impatt finanzjarjau mill-2013 sal-2016.

1.7. Metodu/i ta' mmaniġġjar previst(i)[9]

X **Ġestjoni diretta ċentralizzata** mill-Kummissjoni

2. MIŻURI TA' MMANIĠĠJAR

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Din l-għajnuna hija ta' natura makroekonomika u hija mfassla b'mod li tkun konsistenti mal-programm ekonomiku appoġġat mill-FMI. Il-monitoraġġ tal-azzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni ser iseħħ fuq il-bażi tal-progress fl-implimentazzjoni tal-SBA u tal-miżuri ta' riforma speċifiċi li għandhom jiġu miftiehma mal-awtoritajiet tal-Ġordan f'Memorandum ta' Qbil (ara wkoll il-punt 1.4.4).

2.2. Sistema ta' mmaniġġjar u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Hemm riskji fiduċjarji, polititċi kif ukoll ta' politika marbutin mal-operazzjoni tal-MFA proposta.

Hemm ir-riskju li l-għajnuna makrofinanzjarja, li ma tkunx iddedikata għal spejjeż speċifiċi tista' tintuża b'mod qarrieqi. F'termini ġenerali, dan ir-riskju huwa relatat ma' fatturi bħalma huma l-kwalità tas-sistemi ta' ġestjoni fil-bank ċentrali u fil-ministeru tal-finanzi, kif ukoll ma' kemm huma adattati l-kapaċitajiet ta' awditjar interni u esterni.

Riskju ieħor ewlieni għall-operazzjoni jiġi mill-inċertezza ekonomika u politika reġjonali, b'mod partikolari fis-Sirja, li għandha implikazzjonijiet diretti għall-

[9] Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

ekonomija tal-Ġordan. Fuq il-front domestiku, ir-riskju ewlieni huwa l-instabbiltà relatata ma' diffikultajiet fil-proċess ta' riforma politika u ekonomika. L-implimentazzjoni sħiħa ta' miżuri ta' tisħiħ u riforma appoġġati mill-komunità internazzjonali, inkluża l-operazzjoni tal-għajnuna makrofinanzjarja proposta, tista' tiġi kompromessa minħabba l-iskuntentizza soċjali.

Il-Ġordan jibqa' wkoll vulnerabbli għall-possibbiltà ta' tfixkil ġdid fil-provvista tal-gass naturali importat mill-Eġittu. Fl-aħħar nett, hemm riskji li joħorġu mill-possibbiltà li l-ambjent ekonomiku globali u Ewropew jiddgħajjef, u l-prezzijiet internazzjonali tal-enerġija u l-ikel jiżdiedu.

2.2.2. Metodu/i ta' kontroll previst(i)

L-assistenza makrofinanzjarja se tkun suġġetta għal proċeduri ta' verifika, kontroll u awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, inkluż l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (l-OLAF), u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

2.2.3. Spejjeż u benefiċċji tal-kontrolli u tar-rata li probabbilment mhijiex konformi

L-ispejjeż bażiċi għall-Kummissjoni relatati mal-metodi ta' verifika u kontroll, kif ukoll l-ispiża tal-Valutazzjoni Operazzjonali taċ-Ċirkwiti Finanzjarji u Amministrattivi mwettqa qabel l-operazzjoni huma deskritti fit-Tabella 3.2.1. Barra minn hekk, hemm spejjeż għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-possibbiltà ta' intervent mill-OLAF. Il-valutazzjoni operazzjonali ma tgħinx biss sabiex jiġu vvalutati r-riskji tal-użu ħażin tal-fondi, iżda bħala benefiċċju kollaterali din tipprovdi informazzjoni utli dwar ir-riformi meħtieġa fil-qasam tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, li huma riflessi fil-kundizzjonalità tal-politika tal-operazzjoni. Dwar ir-rata li probabbilment mhix konformi, ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità (fil-forma ta' nuqqas ta' ħlas lura tas-self jew l-użu ħażin tal-fondi) hija meqjusa bħala baxxa, abbażi tal-esperjenza bl-istrument tal-MFA sa minn meta nħoloq.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet:

Sabiex jittaffew ir-riskju ta' użu qarrieqi se jittieħdu diversi miżuri:

L-ewwel nett il-bażi ġuridika proposta għall-għajnuna makrofinanzjarja lill-Ġordan tinkludi dispożizzjoni dwar il-miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi. Dawn il-miżuri se jiġu elaborati aktar f'Memorandum ta' Qbil u fil-Ftehim ta' Self, li jipprevedu sensiela ta' dispożizzjonijiet dwar l-ispezzjoni, il-prevenzjoni tal-frodi, l-awditjar, u l-irkupru ta' fondi f'każ ta' frodi jew korruzzjoni. Hu maħsub li mal-għajnuna jintrabtu għadd ta' kundizzjonijiet speċifiċi tal-politika, l-aktar fil-qasam tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, bil-għan li jissaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà.

It-tieni, qabel ma jintlaħaq ftehim dwar il-Memorandum ta' Qbil, is-servizzi tal-Kummissjoni, bl-appoġġ ta' esperti esterni maħtura kif xieraq, se jwettqu Valutazzjoni Operattiva taċ-ċirkwiti finanzjarji u tal-proċeduri amministrattivi li hemm fil-Ministeru tal-Finanzi u fil-Bank Ċentrali tal-Ġordan, sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej. Din ir-reviżjoni se tiddetermina jekk il-qafas għal ġestjoni finanzjarja tajba tal-assistenza makrofinanzjarja hijiex effettiva b'mod suffiċjenti fil-Ġordan billi tkopri oqsma bħall-istruttura u l-organizzazzjoni tal-maniġment, il-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi, is-sigurtà tas-sistemi tal-IT, il-kapaċità tal-awditjar intern u estern, kif ukoll l-indipendenza tal-bank ċentrali. Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, mekkaniżmi speċifiċi li japplikaw għall-ġestjoni tal-fondi mill-benefiċjarji jistgħu jiġu introdotti bi ftehim mal-awtoritajiet nazzjonali. Barra minn hekk, l-assistenza għandha titħallas f'kont dedikat fil-Bank Ċentrali tal-Ġordan.

Fl-aħħar nett, l-assistenza se tkun suġġetta għal proċeduri ta' verifika, kontroll u awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, inklużi l-OLAF, u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata:

- Intestaturi tal-baġit eżistenti

01 03 02: Assistenza makrofinanzjarja

01 04 01 14 – Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestaturi tal-baġit.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni……... …….]	Diff./mhux diff. (10)	mill-pajjiżi tal-EFTA[11]	mill-pajjiżi kandidati[12]	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
4.	01 03 02: Assistenza makrofinanzjarja	Diff.	Nru	Nru	Nru	Nru
4.	01 01 14: Forniment tal-Fond ta' Garanzija	Diff.	Nru	Nru	Nru	Nru

01 04 01 04 – Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal self tal-UE miġbur għal assistenza makrofinanzjarja lill-pajjiżi terzi: Il-forniment tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni għandu jsir skont ir-Regolament tal-Fond, kif emendat. Skont dan ir-Regolament, l-għotjiet ta' self huma bbażati fuq l-ammont pendenti fi tmiem is-sena. L-ammont ta' proviżjoni huwa kkalkolat fil-bidu tas-sena "n" bħala d-differenza bejn l-ammont fil-mira u l-attivi netti tal-Fond fi tmiem is-sena "n-1". Dan l-ammont tal-forniment jiddaħħal fis-sena "n" fil-baġit preliminari tas-sena "n+1" u jitħallas effettivament fi tranżazzjoni waħda fil-bidu tas-sena "n+1" "mill-forniment tal-Fond ta' Garanzija" (il-linja baġitarja 01 04 01 14). Bħala riżultat ta' dan, 9% (il-massimu ta' EUR 16.2 miljun) tal-ammont effettivament żburżat sejjer jitqies fl-ammont immirat fit-tmiem tas-sena "n-1" għall-kalkolu tal-forniment tal-Fond.

L-annotazzjoni baġitarja ("p.m.") li tirrifletti l-garanzija baġitarja għas-self se tiġi attivata biss f'każ ta' sejħa effettiva għall-garanzija. Mhuwiex mistenni li jkun hemm sejħa għall-garanzija baġitarja.

☐☐Linji baġitarji ġodda mitluba mhux applikabbli.

10 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux Diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

11 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

12 Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Punent tal-Balkani.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

f'miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali **4.** [Intestatura L-UE bħala msieħba globali

DĠ: <ECFIN>			Sena **2013**[13]	Sena **2014**	Sena **2015**	Sena **2016**	**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali							
Linja baġitarja 01 04 01 14 Il-forniment ta' Fond ta' Garanzija	Impenji	(1a)			9	7.2	**16.2**
	Pagamenti	(2a)			9	7.2	**16.2**
Approprazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[14] (valutazzjoni operazzjonali u evalwazzjoni ex post)							
Linja baġitarja 01 03 02	Impenji	(3)	0.05		0.15		**0.20**
	Pagamenti	(3a)	0.05		0.05	0.10	**0.20**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għal DĠ ECFIN	Impenji	=1+1a +3	0.05		9.15	7.2	**16.4**
	Pagamenti	=2+2a +3	0.05		9.05	7.3	**16.4**

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0.05		9.15	7.2	**16.4**
	Pagamenti	(5)	0.05		9.05	7.3	**16.4**

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (6)

TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt INTRESTATURA 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	0.05		9.15	7.2	**16.4**
	Pagamenti	=5+ 6	0.05		9.05	7.3	**16.4**

13 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

14 L-assistenza u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE u/jew l-azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), ir-riċerka indiretta u r-riċerka diretta.

Jekk iżjed minn intestatura waħda hija affettwata mill-proposta / inizjattiva:

f'miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**5**		"Nefqa amministrattiva"				
			Sena **2013**	Sena **2014**	Sena **2015**	Sena **2016**	**TOTAL**
DĠ: <…….>							
• Riżorsi umani			0.040	0.028	0.021	0.016	**0.105**
• Infiq amministrattiv ieħor			0.025	0.015			**0.040**
TOTAL tad-DĠ ECFIN	Approprjazzjonijiet		0.065	0.043	0.021	0.016	**0.145**
TOTAL ta' approprjazzjonijiet għall-INTRESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)		0.065	0.043	0.021	0.016	**0.145**

f'miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

		Sena **2013**[15]	Sena **2014**	Sena **2015**	Sena **2016**	**TOTAL**
TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA minn 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0.115	0.043	9.171	7.216	**16.545**
	Pagamenti	0.115	0.043	9.071	7.316	**16.545**

[15] Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali.

– X Il-proposta/l-inizjattiva tirrikejdi l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprazzjonijiet tal-impenn f'miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Indika objettivi u riżultati		Sena **2013**		Sena **2014**		Sena **2015**		Sena **2016**		**TOTAL**	
⇩											
Tip[16]	Kost medju	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU NUMRU 3[17]											
- Riżultat 1	Valutazzjoni operazzjonali		1	0.05						1	0.05
- Riżultat 2	Evalwazzjoni ex post						1	0.15		1	0.15
- Riżultat 3	Forniment tal-Fond ta' Garanzija						1	9	1	7.2	2	16.2
Is-subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1		1	0.05			2	10.5	1	7.2	4	17.75
KOST TOTALI		1	0.05			2	10.5	1	7.2	4	**17.75**

16 L-eżiti huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereż.: l-għadd ta' skambji tal-istudenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

17 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi…"

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. **Sinteżi**

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

– X Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

f'miljuni ta’ EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

	Sena **2013**[18]	Sena **2014**	Sena **2015**	Sena **2016**	Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	0.040	0.028	0.021	0.016				**0.105**
Infiq amministrattiv ieħor	0.025	0.015						**0.040**
is-subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0.065	0.043	0.021	0.016				**0.145**
Mhux taħt l-INTESTATURA 5[19] tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Infiq ieħor ta' natura amministrattiva								
Is-subtotal mhux taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

TOTAL	0.065	0.043	0.021	0.016				**0.145**

L-approprjazzjonijiet amministrattivi meħtieġa sejrin jintlaħqu mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ġew riallokati fi ħdan id-DĠ, flimkien ma’, jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe allokazzjoni oħra li tista’ tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi taħt il-proċedura annwali ta’ allokazzjoni u fid-dawl tar-restrizzjonijiet tal-baġit.

[18] Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

[19] L-assistenza u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva b’appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE u/jew l-azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji “BA”), ir-riċerka indiretta u r-riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' riżorsi umani.

– X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid titniżżel f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

	Sena **2013**	Sena **2014**	Sena 2015	Sena 2016	Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
• Il-karigi fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u aġenti temporanji)							
01 01 01 01 (il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	0.15	0.12	0.08	0.05			
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)							
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
• Persunal estern (f'Unità ekwivalenti għal Full Time: FTE)[20]							
XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali")	0.25	0.16	0.14	0.12			
XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet)							
XX 01 04 **ss**[21] - fil-Kwartieri Ġenerali							
XX 01 04 **ss**[21] - fid-delegazzjonijiet							
XX 01 05 02 (CA, SNE, INT – Riċerka indiretta)							
10 01 05 02 (CA, SNE, INT – Riċerka diretta)							
Intestaturi tal-baġit oħrajn (speċifika)							
TOTAL	**0.40**	**0.28**	**0.22**	**0.17**			

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu tal-baġit kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jkunu mill-persunal tad-DĠ li diġà huma assenjati bil-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew allokati mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, flimkien ma', jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni taħt il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Jissorveljaw u jamministraw l-operazzjoni, jaqblu fuq ir-rapporti ta' analiżi dwar il-Ftehim ta' Self, imexxu missjonijiet u jevalwaw il-progress rigward il-konformità mal-kundizzjonalità.
Persunal estern	Espert Nazzjonali Ssekondat fl-unità ECFIN D2 se jkun direttament involut fil-preparazzjoni tal-Memorandum ta' Qbil, se jkun qed jikkoordina mal-awtoritajiet u l-IFIs, se jkun qed jikkoordina ma' esperti esterni għall-valutazzjoni tal-operazzjoni u għall-evalwazzjoni ex post, se jkun qed iwettaq missjonijiet ta' analiżi u jħejji rapporti dwar il-persunal tal-Kummissjoni u dwar il-proċeduri tal-Kummissjoni marbuta mal-ġestjoni tal-assistenza.

20 CA= Aġent Kuntrattwali; LA= Aġent Lokali; SNE = Esperti Nazzjonali Ssekondati; INT = persunal mill-aġenziji ("Intérimaire"); JED= "Jeune Expert en Délégation" (Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet);

21 Is-sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu intestaturi "BA").

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

– X Proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti

3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

– X Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

X Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul